MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 616/2003

Kawza fil-lista: 72

***Y N B***
**vs**
***H C B***

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewwgu fid-9 ta' Marzu 1991, u minn dan iz-zwieg twieled [fit-30 ta' Gunju 1992] it-tifel *V G*;  li l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba adulterju, theddid, sevizzi, eccessi, abbandun, minacci u ngurji gravi kommessi mill-konvenuta fil-konfront ta' l-attur, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, anke minhabba nkompatibilita' ta' karattru;  li l-attur ottjena l-awtorizzazzjoni debita biex iressaq l-istanza odjerna; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti [1] tordna s-separazzjoni

bejn il-partijiet bi htija tal-konvenuta; [2] tafda lill-istess attur il-kura u kustodja tal-minuri; [3] tordna li l-konvenuta thallas lill-attur manteniment ghall-binhom minuri; [4] tapplika fil-konfront tal-konvenuta d-dispost ta' l-artikoli 48, 50 u 51 tal-Kap.16; [5][6] ixxolji, tillikwida u tassenja l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet; [7] tordna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur fi zmien qasir u perentorju l-oggetti dotali u parafernali tieghu, u, fin-nuqqas, tordna lill-konvenuta thallas il-valur taghhom; [8] tawtorizza lill-attur jghix fid-dar konjugali numru 12 Bidnija Road, Zebbiegh, Mgarr, ad eskluzjoni tal-konvenuta; bl-ispejjez;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta eccepiet: [1] li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg tirrisjedi fuq l-attur; [2] li mhux fl-interess tal-minuri li dan jigi fdata f' idejn l-attur; [3] li mhux il-kaz li l-konvenuta thallas lill-attur xi forma ta' manteniment; [4] li ma hemmx lok ghall-applikazzjoni ta' l-artikoli 48, 50 u 51 tal-Kap.16; [5] li ma hemmx oggetti parafernali ta' l-attur fil-pussess tal-konvenuta; [6] li t-tmien talba ta' l-attur hija minghajr gustifikazzjoni kwalsiasi;

Rat il-verbal li permezz tieghu l-partijiet iddikjaraw li jaqblu li l-provi migbura fil-kawza numru 1367/03NC, fl-ismijiet inversi, jitqiesu bhala provi migjuba fil-kawza odjerna;

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-30 ta' Ottubru 2007 li permezz taghha z-zwieg bejn il-partijiet gie dikjarat null u bla effett fil-ligi;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukatessa Dottor Sandra Sladden;[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

---

[1] Fol.s 317 *et seq.*

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija tal-konvenuta fit-termini ta’ l-artikoli 38, 40 u 41 tal-kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Minn naha taghha l-konvenuta qed tikkontesta dak imputat lilha, u qed tattribwixxi l-htija lill-attur ghall-istess ragunijiet addebitati lilha mill-attur;

**Separazzjoni Personali**
Illi peress li, permezz, ta’ sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-30 ta’ Ottubru 2007, z-zwieg gie annullat fil-mori tal-proceduri, l-ewwel talba tinsab sorvolata u ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

Illi, fin-nuqqas ta’ pronunzjament ta’ separazzjoni personali, mhuwiex applikabbli d-dispost ta’ l-artikolu 48 tal-Kap.16 li jippresupponi dikjarazzjoni ta’ htija.

**Kura u Kustodja**
Illi llum it-tifel huwa maggjorenni, u ghalhekk dan il-kap jinsab sorvolat.

**Manteniment**
Illi llum anke dan il-kap jinsab sorvolat peress li z-zwieg gie dikjarat null.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**
Illi din tikkonsisti fis-segwenti assi:
[1] il-fond 12 Triq il-Bidnija, Zebbiegh, Mgarr, stmat mill-partijiet fl-ammont ta’ €279,600 [LM120,000];
[2] l-oggetti deskritti mill-attur fid-dokument SJA2, mhux kontraddett mill-konvenuta, u li kopja tieghu qeda tigi anness mal-gudizzju odjern biex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A];
[3] Vettura Suzuki Jeep [JBA-083] u Daewoo [Bar-824];
[4] Dejn mal-HSBC gravanti l-imsemmi fond; zewg overdrafts, wiehed mal-HSBC u l-iehor mal-BOV, u joint credit card ma’ l-HSBC. L-overdrafts u l-joint credit card

thallsu mill-attur. Ghad fadal ukoll il-House Insurance premium.

*Assenjazzjoni*
[1] Illi l-fond 12 Triq il-Bidnija, Zebbiegh, Mgarr ghandu jinbiegh fuq is-suq hieles fi zmien sena; u fin-nuqqas, jinbiegh taht l-awtorita' tal-Qorti – dejjem ghal prezz mhux inferjuri ghall-imsemmija somma ta' €279,600.

Illi r-rikavat, - <u>wara</u> li jitnaqqas minnu d-dejn li ghadu jiggrava l-istess fond, u wara li jithallas minnu l-premium li fadal tal-house insurance, u wara li titnaqqas minnu s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, u tlett mitt ewro [€23,300] [LM10,000] li ghandha tinghata lill-konvenuta ghas-sodisfazzjoni tal-kreditu parafernali taghha – ir-rikavat jinqasam f' zewg porzjonijiet ugwali; u porzjon wiehed jinghata lill-attur, filwaqt li l-porzjoni l-iehor, <u>wara</u> li jtnaqqas minnu l-kreditu dovut lill-attur mill-konvenuta kif indikat fil-paragrafu segwenti, jinghata lill-istess konvenuta.

Illi rigward il-pagamenti tal-loans maghmula mill-attur, il-Qorti tosserva li, ghalkemm jidher li wara s-separazzjoni de facto l-attur kien baqa' jhallas wahdu l-pagamenti tal-loans mal-bank, izda, peress li z-zwieg tal-partijiet gie annullat fit-30 ta' Ottubru 2007, allura l-attur huwa kreditur fil-konfront tal-konvenuta fl-ammont ta' <u>nofs il-pagamenti maghmula mill-attur minn din id-data</u>, ghax hija f' din id-data li legalment waqqfet il-komunjoni ta' l-akkwisti. Dak li l-attur kien hallas <u>qabel</u> din id-data tat-30 ta' Ottubru 2007, u cioe' meta z-zwieg kien ghadu meqjus validu f' ghajnejn il-ligi, u ghalhekk kienet ghadha vigenti l-komunjoni ta' l-akkwisti, ghandhu fin-nuqqas ta' provi li juru li l-hlas sar minn flus parafernali ta' l-attur, jigi meqjus li thallas mill-flus tal-komunjoni.

Illi rigward is-somma ta' €23,300 fuq indikata, mill-provi jirrizulta li din hija parafernali tal-konvenuta u li hi kienet ivversat fix-xiri tal-fond konjugali. Dan kien gie korroborat minn huha l-Perit Joseph Cassar fid-depozizzjoni tieghu

tat-23 ta’ April 2007.[2] Ghalhekk din is-somma tirrapprezenta kreditu tal-konvenuta fil-konfront tal-komunjoni ta’ l-akkwisti.

[2] Illi l-oggetti mobbli ndikati fl-anness dokument [Appendici A] ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet kif propost mill-attur fl-istess dokument.

[3] Illi l-vettura Suzuki Jeep JBA ghandha tigi assenjata lill-konvenuta, filwaqt li l-vettura Daewoo Bar 824 ghandha tigi assenjata lill-attur.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar tal-ewwel talba, stante li z-zwieg gie dikjarat null fil-mori tal-proceduri;
[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar tat-tieni talba, stante li t-tifel sar maggjorenni;
[3] tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar tat-tielet talba, stante li z-zwieg gie annullat, u wkoll it-tifel sar maggjorenni;
[4] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba’ talba, stante li z-zwieg gie annullat fil-mori.
[5] tilqa’ il-hames u s-sitt talbiet, fis-sens u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata “Komunjoni ta’ l-Akkwisti”;
[6] tichad is-seba’ talba, stante li ma ngabux provi fir-rigward;
[7] tichad it-tmien talba;

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Fol.163